MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 650/2005

**Elmo Insurance Limited [C3500], kif surrogata fid-drittijiet**
**tal-assikurat taghha Martin Camilleri [ID 130874M] u l-istess**
**Martin Camilleri [ID 130874M]**

**Vs**

**Alfred Spiteri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm301.62c) rapprezentanti danni rizultanti minn kollizjoni li sehhet fit-12 ta' Frar, 2004 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza bin-numru ta'

registrazzjoni LAI 051 allegatament habat mal-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni AAN 436.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-incident kien fir-responsabbilta' unika ta' Martin Camilleri minhabba li huwa kien qed isuq b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' zamma ta' *proper lookout* kif ser jigi dettaljatament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub bhala danni huwa wiehed esagerat ghall-ahhar stante li l-unika hsara li sofriet il-vettura ta' l-attur kienet tixlifa fil-*front rear indicator* kif ser jigi wkoll dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Martin Camilleri u ta' Alfred Spiteri.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Martin Camilleri kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAN 436 fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan sejjer mid-direzzjoni ta' Bay Street lejn Villa Rosa vicin Andrew's Bar. Huwa kien qieghed ifittex *parking* u waqaf quddiem il-*gate* ta' Villa Rosa u ra li kien hemm wiehed hiereg mill-*parking* u qaghad jistennih. Waqt li kien qed jistenna lil dan is-sewwieq johrog, l-iehor baqa' jirriversja u baqa' gej ghal fuqu minkejja li huwa paqpaqlu. B'hekk il-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet diehla gol-vettura misjuqa minn Martin Camilleri. Wara l-incident huma tkellmu u mlew il-*front to rear form*. Huwa hallas l-*excess* u l-kumplament tal-hsarat hallsithom l-assigurazzjoni attrici.

Il-konvenut xehed li dakinhar ta' l-incident huwa kien qieghed Andrew's Bar u kien ipparkjat quddiem il-*main gate* ta' Villa Rosa. Huwa ried johrog mill-pozizzjoni ta' *parking* u huwa hu jirriversja sehhet il-kollizjoni. Huwa ma nnotax il-vettura misjuqa minn Camilleri qabel l-incident u l-ewwel darba li raha kienet wara li saret il-habta. *Ex admissis* huwa jghid li ma rax il-vettura ta' Camilleri u ma jafx minfejn giet.

Huwa sintomatiku mill-premess li l-konvenut ghamel manuvra ta’ *reversing* minghajr ma ccekkja jistax jaghmel tali manuvra minghajr ebda xkiel. Il-verzjoni moghtija minn Camilleri hija wahda verosimili u fil-fatt kien l-istess konvenut li baqa’ jirriversja fuq il-vettura ta’ Camilleri waqt li dan qed jistennih biex johrog mill-*parking* u ghalhekk il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni rizultanti.

Ghar-rigward tal-hsarat, dawn jinsabu debitament ikkorroborati mid-dokumenti esebiti liema dokumenti gew esebiti a tempo vergine meta gie pprezentat l-Avviz tat-talba u ghalhekk jisthoqq li dawn jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm301.62c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------